# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 960/06/1 AF**

**Edgar Brincat**

**v.**

**V. G. Tiles Company Limited (C6957)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-attur Edgar Brincat datat 23 ta' Ottubru, 2006, li permezz tieghu, inghad:

> "Illi r-rikorrenti kera fond illi jinsab f'Marsa Race Course Street, Marsa bl-iskop illi juzah bhala hanut tal-loghob minghand il-Malta Racing Club, u dana kif jidher mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok. A.
>
> Illi r-rikorrenti kellu jaghmel diversi xogholijiet ta' ristrutturazzjoni fil-fond illi kien kera, liema xogholijiet kellhom jitlestew qabel il-bidu tat-taxxa

tad-dinja tal-futbol u cioè fid-9 ta' Gunju 2006, u dana billi ghal dak iz-zmien ir-rikorrenti kellu jiftah ghan-negozju.

Illi r-rikorrenti xtara l-madum minghand is-socjetà intimata, u b'kollox kien hallas is-somma ta' elf tmien mija u sittin Lira Maltin (Lm1,860) u dana skond kif jidher mid-dokumenti hawn annessi w immarkati bhala Dok. B sa G.

Illi r-rikorrent inkariga t-tile layer tieghu certu Joseph Schembri sabiex jiehu hsieb it-tqeghid tal-madum, izda wara illi kien beda jqieghed l-istess madum huwa beda jiskontra problemi kbar biex ipoggi dan il-madum b'mod dritt, u dana billi rrizulta illi l-madum kien kollu mibrum (Dokumenti H sa L).

Illi r-rikorrent informa lis-socjetà intimata immedjatament li da parti taghha insistiet illi l-madum kien ta' kwalità tajba, u ghalhekk kien gie miftiehem illi sezzjoni tal-madum jitwahhal minn tile layer differenti u maghzul mis-socjetà intimata stess, u gie inkarigat ghal dan il-ghan certu David Coleiro.

Illi nonostante illi nbidel it-tile layer ir-rizultat baqa' l-istess, u dana kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit inkarigat mir-rikorrenti u cioè Anthony Muscat, illi ssorvelja x-xoghol kemm tat-tile layer mahtur mir-rikorrenti kif ukoll ta dak mahtur mis-socjetà intimata (Dok. M).

Illi minkejja illi s-socjetà intimata giet interpellata sabiex tbiddel il-madum in kwistjoni hija baqghet inadempjenti, u bhala rizultat ta' din l-inadempjenza r-rikorrenti ma setax jiftah ghan-negozju u ghadu ma fetahx sal-lum bir-rizultat illi huwa qieghed isofri danni ta' kuljum.

Illi bil-ghan illi jigu minimizzati d-danni rikorrenti ghazel illi jnehhi l-madum u minfloku jpoggi madum differenti biex b'hekk ikun jista' jiftah ghan-negozju, u l-madum originali gie depozitat ghand certu Melvin Theuma kif jidher mic-cedola ta' depositu illi giet intavolata kontestwalment mal-prezenti kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. N.

Illi ghalhekk b'rizultat tal-inadempjenza tas-socjetà intimata illi naqset fl-ewwel lok illi tipprovdi materjal ta' kwalità tajba kif ukoll fit-tieni lok illi naqset milli tiehu kwalsiasi azzjoni sabiex tirrimpjazza l-madum ta' kwalità hazina illi hija provdiet lir-rikorrenti, ir-rikorrenti sofra danni konsistenti f'telf ta' qliegh u spejjez bla bzonn u dana kif spjegat dettaljatament fil-prospett hawn anness u mamrkat bhala Dok. O.

Tghid ghalhekk is-socjetà intimata ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

[1] tiddikjara illi l-madum provdut mis-socjetà intimata ma kienx ta' kwalità tajba;

[2] tiddikjara illi r-rikorrenti sofra danni bhala rizultat tal-inadempjenza tas-socjetà intimata;

[3] tillikwida, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi ammont ta' flus rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti;

[4] tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi dawk tac-cedola ta' depositu u tal-mandat ta' sekwestru t-tnejn intavolati kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjetà intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta V.G. Tiles Co. Limited, ipprezentata fit-22 ta' Novembru, 2006, li permezz taghha wiegbet hekk:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt sante li mhux minnu li l-madum mibjugh mis-socjetà eccipjenti ma kienx ta' kwalità tajba u dana kif ser jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur irid jipprova d-danni minnu reklamati.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' April, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-attur Edgar Brincat, kif dedotti, kif ukoll filwaqt li laqghet it-tielet talba attrici, illikwidat id-danni fl-ammont ta' €18,559.05, ekwivalenti ghal Lm7,965.26, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu minn V.G. Tiles Company Limited.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "…illi permezz ta' din il-kawza Edgar Brincat qieghed jirreklama danni kawzati lilu mis-socjetà intimata wara li din bieghet lilu madum difettuz. Is-socjetà intimata tinnega l-ezistenza ta' difett fil-madum.
>
> Jirrizulta pruvat illi fl-24 ta' Ottubru 2005, ir-rikorrenti kera hanut li kellu jopera ghall-imhatri. Ghal dan il-fond huwa xtara madum minghand is-socjetà konvenuta. Meta beda jitqieghed il-madum, instab li l-madum ma kienx ghas-sodisfazzjoni tal-istess rikorrenti. Edgar Brincat irrefera l-kwistjoni lis-socjetà minn fejn kien xtara l-madum. Inbidlet il-persuna li kienet qed tqieghed il-madum u x-xoghol baqa' inaccettabbli. V.G. Tiles irreferiet lill-fornituri taghha, li baqghu isostnu li l-madum ma kienx difettuz. Ir-rikorrenti pprova li l-madum kien difettuz permezz ta' rapport tekniku minn perit arkitett, konfermat ukoll bil-gurament. Ir-ritratti, li ma gewx kontrastati juru d-difetti wkoll mad-daqqa t'ghajn ta' persuna li m'hijiex teknika.
>
> Fil-fehma tal-Qorti l-provi prodotti mir-rikorrenti ma gewx kontradetti b'mod sodisfacenti. Ghar-rigward tal-kwalità tal-madum fornit, ghalkemm is-socjetà intimata ressqet xi dokumenti in sostenn tat-tezi taghha li l-brim fil-madum kien negligibbli, dawn ma gew konfermati b'ebda gurament. Lanqas ma jirrizulta li jirreferu ghall-istess madum mertu tal-kawza. Anzi, huma kollha fotokopji u uhud addirittura bla firma (ara dokumenti fol. 37 et seq). Lanqas ma giet bl-ebda mod sorretta l-allegazzjoni li l-madum jista' jigrilu l-hsara jekk ma jigix stivat sewwa. Finalment, lanqas ma giet sorretta b'xi prova l-allegazzjoni li r-ritratti tad-difetti fil-madum gew manipulati. L-ittra minn fotografu li ghamel l-allegazzjoni qatt ma giet konfermata bil-gurament. Anzi, l-fotografu li ha r-ritratti ikkonferma l-mod kif ittiehdu u xejjen din l-allegazzjoni permezz tal-affidavit tieghu (fol. 87).
>
> Fic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrenti rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, illi l-madum lilu mibjugh u konsenjat mis-socjetà intimata kien tassew difettuz.
>
> Ir-rikorrenti qieghed jirreklama danni fl-ammont ta' Lm7,965.26. Dwar din is-somma huwa pprezenta prospett dettaljat (fol. 24). Kull inkluzjoni f'dan il-prospett giet sostanzjata b'kontijiet u ricevuti (fol. 25 et seq). L-ebda "item" fil-prospett ma gie kontestat mis-socjetà rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti tqis it-talba gustifikata."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` V.G. Tiles Co. Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tad-19 ta' April, 2016, moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok (1) tichad it-talbiet attrici peress li s-socjeta` appellanti offriet soluzzjoni bikrija li kienet ixxejjen ghal kollox id-danni reklamati mill-appellat jew fin-nuqqas (2) f'kaz ta' dikjarazzjoni li s-socjeta` appellanti ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mill-appellat, tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' €2,415.35, kif spjegat fir-rikors tal-appell taghha. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-attur Edgar Brincat, li permezz taghha talab li r-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-kaz jitratta t-talba attrici ghad-danni rizultanti minn inadempjenza da parti tas-socjeta` konvenuta, wara li l-attur xtara madum li rrizulta li ma kienx ta' kwalita` tajba. Is-socjeta` konvenuta cahdet il-pretensjonijiet tal-attur bhala nfondati stante li l-madum kien ta' kwalita` tajba u li f'kull kaz id-danni reklamati ghandhom jigu ppruvati mill-attur.

10. L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici in kwantu rriteniet li l-provi mressqa mill-attur ma gewx kontradetti bi provi sodisfacenti u ghalhekk laqghet it-talba tal-attur ta' danni, kif elenkat fil-prospett ipprezentat minnu u kif sorrett bil-provi relattivi, peress li dawn ma gewx ikkontestati mis-socjeta` konvenuta. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti llikwidat favur l-attur is-somma ta' €18,559.05 bhala danni hekk kif mitluba, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

11. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interponiet appell minnha. L-aggravji taghha jissejsu fuq tliet binarji: (I) Il-kostatazzjoni tal-fatti mwettaq mill-ewwel Qorti; (II) Il-likwidazzjoni tad-danni u (III) L-imghaxijiet u l-ispejjez.

12. Qabel jigi trattat l-appell, tajjeb li jigi puntwalizzat li l-kaz jitratta negozju bejn il-kontendenti fil-kawza ta' xiri u l-bejgh ta' madum. Fin-nuqqas tal-attur li jiddikjara l-Artikolu tal-ligi jew in-natura tal-azzjoni mressqa minnu, jehtieg li l-ewwel jigi nvestit dan il-punt. Ghandu jinghad

mal-ewwel li l-azzjoni attrici hija stramba in kwantu l-attur qieghed jitlob id-danni minghajr ma ntalbet dikjarazzjoni ta' nullita` tal-kuntratt ta' bejgh. Normalment min ma jkunx kuntent bl-oggett mixtri, huwa jkollu ghazla. Fil-kaz li x-xerrej josserva li l-haga li qieghda tigi kkonsenjata lilu mhix tal-kwalita` mweghda jew mhux skont il-kampjun muri lilu, huwa jista' jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew jirceviha izda jitlob riduzzjoni fil-prezz fuq stima tal-periti (Artikolu 1390 tal-Kodici Civili li qieghed taht it-titolu VI ta' Bejgh, Sub-titolu IV "Fuq l-Obbligi tal-Bejjiegh"; § I. Fuq il-Kunsinna). Dan ir-rimedju izda, huwa marbut mal-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Louis Buhagiar v. UCIM Co. Limited**). L-obbligazzjoni ta' bejjiegh li jikkonsenja l-haga bil-kwalitajiet kollha miftehma bejnu u x-xerrej ma tohrogx biss *ex lege,* izda tista' tohrog ukoll minn ftehim u ghalhekk in-nuqqas ta' kwalita` miftehma jaghti lok ghal azzjoni wkoll taht il-garanzija kuntrattwali (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Adrian Theuma v. RLR Limited**). Jew f'kaz li jigu allegati difetti mohbija fl-oggett mixtri, ir-rimedji kkontemplati fil-ligi huma dawk maghrufa bhala l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja. Jekk xerrej jiskopri xi difett fl-oggett wara l-bejgh, huwa jista' jew izomm l-oggett u jitlob tnaqqis fil-prezz (*actio aestimatoria*) skont l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili. Alternattivament ix-xerrej jista' jaghzel li jressaq l-azzjoni redibitorja mahsuba fl-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili fejn huwa jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz. F'dan l-ahhar kaz, il-ligi tikkontempla

wkoll li jithallsu danni lix-xerrej, f'kaz li jirrizulta li l-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha (Artikolu 1429 tal-Kodici Civili).

13. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li ghalkemm l-attur isemmi li l-madum provdut ma kienx ta' kwalita` tajba, ladarba l-kwistjoni ma nqalghetx mal-konsenja tal-madum izda wara, teskludi li l-azzjoni attrici setghet saret ghall-finijiet tal-Artikolu 1390. Lanqas jirrizulta li l-attur kien qieghed jinvoka vjolazzjoni ta' garanzija kummercjali, in kwantu ghalkemm issir referenza generika ghall-inadempjenza tas-socjeta` attrici li tipprovdi materjal ta' kwalita`, ma saret l-ebda referenza ghal xi ksur ta' garanzija rizultanti mill-kuntratt ta' bejgh. L-attur lanqas ma zamm il-madum u ppretenda tnaqqis fil-prezz, hekk kif mahsub fl-azzjoni stimatorja. L-attur iddepozita l-madum ma' konsinjatarju permezz ta' cedola ta' depozitu taht l-awtorita` tal-Qorti (ara Dok. N a fol. 31 tal-process) u filwaqt li talab dikjarazzjoni mill-Qorti li l-madum provdut mhux ta' kwalita` tajba, talab dikjarazzjoni, likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni.

14. Gialadarba d-difett fil-madum ma kienx jidher dakinhar tal-bejgh jew tal-konsenja, isegwi li l-attur, bhala xerrej kellu jitlob rimedju li taghtih il-ligi. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Ray Pace et v. SN Properties Limited:**

*"Hu principju li lex specialis derogat generalis, u meta l-ligi tipprovdi rimedji ad hoc ghall-istitut partikolari, ma jistghux jintuzaw dawk generali. Huwa principju li regoli specjali ghandhom jipprevalu ghad-dispozizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej drittijiet, u lil venditur imposti oneri akbar minn dawk indikati bil-ligi.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Mangion v. Pulis, deciza fl-20 ta' Ottubru 2005, kienet dahlet biex tistudja dan il-punt u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:*

*Il-punt li jrid jigi diskus huwa, jekk oltre r-rimedji kontemplati fl-artikolu 1427, ix-xerrej ghandux jew le rimedju iehor ghad-danni, li hu r-rimedju mitlub mill-atturi f'din il-kawza.*

*Il-posizzjoni gurisprudenzjali lokali tidher li hi s-segwenti.*

*Fil-kawza "Bezzina vs Borda", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. G. Mifsud Bonnici) fis-16 ta' Novembru, 1990, intqal li f'kaz li jigi allegat li kien hemm difett mohbi f'oggett mixtri, ma tistax issir azzjoni ghad-danni jew biex jisewwa l-oggetti, u r-rimedji miftuha ghax-xerrej huma biss li jitlob it-thassir tal-bejgh jew tnaqqis fir-riduzzjoni tal-prezz.*

*Fil-kawza "Balzan vs Celotti", decisa minn din il-Qorti (per Onor. D. Scicluna) fit-22 ta' Novembru, 1999, intqal li "xerrej, f'kaz ta' difetti latenti, ghandu biss l-azzjonijiet li tipprovdi l-ligi, dik redhibitoria u dik aestinatoria, u mhux ukoll ghad-danni".*

*Fil-kawza "Buffa vs Roger Satariano and Sons Ltd", decisa minn din il-Qorti (per Onor. A. J. Magri) fil-11 ta' Gunju, 1997, intqal:*

> *"F'kaz ta' difett f'oggett mibjugh, ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni. Hu jista' jirrifjuta dik il-merkanzija jew sahansitra jzommha bi prezz aktar baxx u f'kaz li n-nuqqas tal-bejjiegh jkun jirekolu danni, jitlob li jigi risarcit".*

*Fil-kawza "Dalli vs Patiniott", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000, intqal li:*

> *"F'kaz ta' difetti latenti, il-kompratur seta' biss jinvoka l-garanzija tramite l-azzjoni redibitorja jew quanti minoris, kellu jagixxi permezz ta' azzjoni ad hoc fit-terminu mil-ligi stabbilit u ma setghax jiddefendi ruhu per via di eccezzione".*

*Fil-kawza "Borg vs Pace", decisa minn din il-Qorti (per. Onor. D. Scicluna) fit-22 ta' Gunju, 2001, intqal:*

> ***"Illi anke fl-aspett tal-vizzju redibitorju l-kawza odjerna ma tistax tirnexxi peress li t-talba ghad-danni tista' ssir biss bhala konsegwenza ta' l-azzjoni redhibitorja jew estimatorja in forza ta' l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili, mentri l-attur minghajr ma ezercita wahda minn dawn l-azzjonijiet, talab sempliciment id-danni kontra l-konvenut (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Anthony McKay vs Alfred Cassar et deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Dicembru, 1992 mill-Onor. Imhallef Joseph A. Filletti fejn ukoll l-attur talab biss il-likwidazzjoni u hlas ta' danni)."***

*Fil-kawza "<u>Briffa vs Mallia</u>", decisa minn din il-Qorti (per Onor. R. C. Pace) fit-28 ta' Frar, 2002, intqal:*

> *"Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita' pattwita abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16.*
>
> *"Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "Nadia Cassar et vs Charles Pace noe" (Qorti tal-Kummerc, Onor J. D. Camilleri) 13 ta' Marzu, 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "Scicluna vs Scerri" (Kummerc 16 ta' Jannar, 1658 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi".*

***Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "Anthony McKay vs Alfred Cassar" (Kummerc Onor. J. Filletti 10 ta' Dicembru, 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza "JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited" (Prim Awla, Onor R. C. Pace, 28 ta' Gunju, 2001).***

*Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati is-segwenti principji u cioe' li minn dak fuq premess jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:*

*(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,*

*(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap. 16 kellha tintalab 'sine qua' non li:*

*(i) l-oggett mhux tal-kwalita' pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*

*(ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti".*

*Fil-kawza "<u>Scifo Diamantino vs Meridian Enterprises Co. Ltd</u>", decisa minn din il-Qorti (per Onor J. R. Micallef) fit-13 ta' Frar, 2003, intqal:*

***"Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-attur ressaq azzjoni li ma taqbilx ma' rimedju mhares mil-ligi. La darba huwa ghazel li jsejjes l-azzjoni tieghu fuq id-difett mistur, ried jitlob ir-rimedji li l-ligi taghti lix-xerrej fl-artikolu 1427 tal-Kap. 16. Dan ir-rimedju ma talbu mkien: lanqas jista' jinghad li talbu fl-ewwel talba, ghaliex is-semplici dikjarazzjoni li l-karozza kienet milquta minn difett mistur ma twassal imkien hlief ghal semplici dikjarazzjoni li ma hix segwita b'talba minn dawk mahsuba specifikatament mil-ligi. L-artikolu 1427 jaghti l-ghazla lill-attur, mhux lill-Qorti".***

*Fil-kawza "<u>Zammit Automobiles Ltd vs Bezzina</u>", decisa minn din il-Qorti (per Onor. G. Valenzia) fit-30 ta' Gunju, 2003, intqal:*

*"L-artikolu 1424, l-actio redibitorja jew aestimatorja, jipprovdi li l-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghal difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom.*

*"Dan l-artikolu jippresupponi illi l-kompratur ikun accetta l-oggett lilu konsenjat ghaliex kien jifhem li dan kien skond l-ordni u tal-kwalita' pattwita. Sitwazzjoni din ghal kollox diversa minn dik kontemplata fl-artikolu 1390 fejn allura l-kompratur ikun ghadu ma ghamilx l-att ta' volonta' li bih ikun accetta l-oggett lilu konsenjat.*

*"Meta l-haga kunsinnata mill-bejjiegh tkun afflitta min xi vizzju okkult, ir-rimedji tal-bejjiegh ikunu dawk previsti minn dan l-artikolu u cioe' jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni kwantu minoris. Il-ligi tipprovdi li x-xerrej jista' jaghzel billi jigi 'l quddiem <u>bl-azzjoni</u> redibitorja li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz inkella billi jigi 'il quddiem bl-azzjoni aestimatorja, jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti".*

*Fl-ahhar nett, fil-kawza "<u>Pace Axiaq vs Camilleri</u>", decisa minn din il-Qorti (per Onor. P. Sciberras) intqal:*

*"Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita' mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh, li jaghzel <u>jew</u> li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat*

> *fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni ta' l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja;*
>
> *"Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xogholijiet sarux sew u skond l-arti u s-sengha strettament ma ticcentra xejn f'negozju guridiku bhal dan ta' komprovendita".*

*Mill-permess jidher car li l-linja gurisprudenzjali tal-Qorti taghna, bazata, hafna drabi, fuq id-duttrina estera, hija fis-sens li meta kompratur jallega li l-oggett mixtri hu afflitt minn difetti mohbija, huwa jrid jagixxi bl-azjoni redibitorja jew quanti mimoris u, b'mod sekondarju, jitlob ir-rifussjoni tad-danni li jkun garrab bhala konsegwenza.*

(enfasi ta' din il-Qorti)"

15. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm l-attur fir-rikors promotur ma jaghmilx referenza ghal difett mohbi, huwa mghallem li min jallega li l-merkanzija mixtrija kienet inservibbli u mhux tajba, ma jistax jippretendi li hemm differenza fil-kwalita` pattwita izda vizzju redibitorju (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Mejju, 1967, fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Mizzi v. Emanuele Schembri** Kollez. Vol. LI.I.588). Hekk ukoll f'dan il-kaz, l-ilmenti tal-attur ghandhom jinftehmu fis-sens li l-madum kien difettuz u mhux li kien ta' kwalita` differenti minn dak miftiehem. Sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna, l-attur kellu l-ewwel jitlob li jinhall mill-kuntratt ta' bejgh u mbaghad jitlob id-danni, haga li l-attur m'ghamilx u fid-dawl tal-gurisprudenza hawn qabel citata, l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi. Hekk ukoll, ghalkemm id-danni setghu jintalbu mill-attur bhala konsegwenza tal-azzjoni redibitorja, sabiex ikun hemm lok ghad-danni, kien mehtieg li l-attur jipprova li s-socjeta` konvenuta kienet taf bid-difett fil-madum, haga li mill-provi in atti ma tirrizultax. Il-fatt li d-

difett fil-madum ma kienx daqstant apparenti, tant li kien biss meta l-madum beda jitqieghed irrizulta in parti mibrum, jixhet dubju validu dwar kemm is-socjeta` konvenuta setghet tkun taf bl-imsemmi difett.

16. Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda eccezzjoni fis-sens appena spjegat, kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza **L'Onda Ltd v. Ocean Way Co Ltd**, deciza fis-27 ta' Frar 2009:

> *"…nonostante li ma tressqet ebda eċċezzjoni fis-sens fuq indikat, il-Qorti tħoss ukoll illi jkun kontro sens li taċċetta li takkorda danni meta l-kuntratt jibqa' in vigore, u tmur kontra dak li jistipula l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili għaliex fil-waqt li hu minnu li l-Qorti normalment tieħu in konsiderazzjoni biss l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ma tressqahomx hi, ma jistax ikun li l-Qorti tiddeċiedi mod ieħor milli tippreskrivi l-liġi b'mod daqshekk ċar.*
>
> *…*
>
> *ghamlet sew l-ewwel Qorti li dderimiet l-azzjoni b'dak il-mod avolja ma gietx imressqa eccezzjoni specifika f'dak is-sens. Il-Qorti giet mitluba taghti rimedju li mhux kontemplat fil-ligi, u kwindi ma tistax taghtih anke jekk il-kwistjoni baqghet ma gietx sollevata formalment."*

17. Tajjeb li jigi mfakkar li l-ghazla kif jigi formulat ir-rikors promotur hija f'idejn l-attur, izda l-Qrati huma marbuta li jiddeciedu skont dak mitlub mill-attur u m'ghandhomx ghazla jew diskrezzjoni jibdlu dak mitlub, altrimenti jkunu qeghdin imorru lil hinn minn dak mitlub. Ghalkemm il-Qorti ghandha kemm tista' ssalva l-azzjoni attrici, sabiex jigi evitat duplikazzjoni ta' proceduri, kif ukoll maz-zmien gie evolut il-kuncett li l-formalizmu esagerat ghandu jigi evitat, fl-istess hin, jispetta lil min iressaq kawza jaghmel dan permezz ta' att gudizzjarju li jkun car u preciz kemm jista'

jkun. Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza n-natura tar-rikors promotur sabiex tiddetermina jekk in-nuqqasijiet humiex ta' natura gravi.

18. Jekk wiehed jifli r-rikors promotur in ezami, ma jistax jinghad li fih xi zball kif formulat, izda n-nuqqas qieghed fir-rimedju mitlub. L-azzjoni kif proposta mill-attur f'din il-kawza bhala azzjoni merament ghad-danni (li skont il-prospett anness ipprezentat mill-attur tinkludi kemm ir-rifuzjoni tal-prezz imhallas ghall-madum, kif ukoll spejjez ohra u telf imgarrab mill-attur) ma tistax tirnexxi, peress li mhix imsejsa fuq bazi guridika sostenibbli li jinhall il-kuntratt ta' bejgh u ghalhekk it-talbiet tal-attur ma kellhomx jintlaqghu u ghalhekk, difficli li l-azzjoni attrici tigi salvata. Talba ghad-danni tista' titqies perfettament kompatibbli mal-*actio redhibitoria*, kif mahsub fl-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili, kif hawn qabel spjegat, basta li l-azzjoni mressqa tirrispetta d-dispozizzjonijiet tal-ligi. Gialdarba l-azzjoni attrici kif imressqa, hija rrita u ma setghetx legalment tigi proposta kif tressqet, hija ma tistax tirnexxi in kwantu mhix legalment sostenibbli u ghalhekk ma hemmx triq ohra hlief li tigi michuda. Ghalhekk ma hemmx htiega li jigu nvestiti l-aggravji tas-socjeta` konvenuta, peress li f'kull kaz it-talbiet attrici ser jigu michuda.

**Decide**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ser tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta, izda ghal ragunijiet differenti minn dawk imfissra fl-

istess rikors tal-appell, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, thassar is-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' April, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tichad it-talbiet tal-attur appellat.

Konsidrat ic-cirkostanzi tal-kaz, jitqies xieraq li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm